

3. It-tielet motiv ibbażat fuq ksur tad-dmir ta' premura, fir-rigward tan-nuqqas, min-naħa tal-amministrazzjoni, li tqis il-problema tas-saħħa tar-rikorrenti, ir-rapport ta' evalwazzjoni tal-2019 u l-kriterji legali kollha fl-evalwazzjoni tal-prestazzjoni tar-rikorrenti.
4. Ir-raba' motiv ibbażat fuq motivazzjoni illegali u/jew żball manifest ta' evalwazzjoni.
5. Il-ħames motiv ibbażat fuq l-irregolarità tal-proċedura prekontenzjuża, li ma wasslitx għal stħarriġ adegwat mill-Awtorità tal-ħatra tad-deċiżjoni tal-15 ta' Lulju 2020.

Rikors ippreżentat fis-27 ta' Ottubru 2020 – Silex Ipari Automatizálási Zrt. vs Il-Kummissjoni u EASME

(Kawża T-654/20)

(2021/C 19/63)

Lingwa tal-kawża: l-Ungerb

Partijiet

Rikorrenti: Silex Ipari Automatizálási Zrt. (Budapest, l-Ungerb) (rappreżentant: Á. Baratta avukat)

Konvenuti: Il-Kummissjoni Ewropea u l-Āgenzija Eżekuttiva għall-Intrapriżi Żgħar u Medji (EASME)

Talbiet

Ir-rikorrenti titlob li l-Qorti Ġenerali jogħġogħa:

- tannulla n-nota ta' debitu Nru 3242009492 maħruġa mill-EASME fit-18 ta' Awwissu (iktar 'il quddiem in-“nota ta' debitu”), sa fejn tordna l-ħlas ta' EUR 55 454,44;
- tannulla l-ittra tat-18 ta' Awwissu 2020, bir-referenza Ref. Ares (2020)4309529 (iktar 'il quddiem, l-“ittra”), mibgħuta mill-EASME flimkien man-nota ta' debitu, sa fejn tordna r-imbors ta' EUR 48 238,75 sabiex tiġi rrilaxxata l-kontribuzzjoni lill-Fond ta' Garanzija;
- tannulla l-ittra mibgħuta flimkien man-nota ta' debitu, sa fejn id-dikjarazzjoni finanzjarja finali mibgħuta fl-istess tikkklassifika bħala spiża inelgħibbli l-ispejjeż diretti tal-persunal f'ammont ta' EUR 210 423,11;
- tannulla l-ittra mibgħuta flimkien man-nota ta' debitu, sa fejn id-dikjarazzjoni finanzjarja finali mibgħuta fl-istess tikkklassifika bħala spejjeż inelgħibbli l-ispejjeż indiretti f'ammont ta' EUR 52 605,78;
- tikkundanna lill-EASME u lill-Kummissjoni għall-ispejjeż.

Motivi u argumenti prinċipali

Insostenn tar-rikors tagħha, ir-rikorrenti tinvoka ħames motivi.

1. L-ewwel motiv, ibbażat fuq ksur tad-dmir ta' motivazzjoni.

L-EASME kisret id-dmir ta' motivazzjoni għaliex ma ġġustifikatx legalment it-talbiet inklużi fin-nota ta' debitu u fl-ittra mibgħuta flimkien magħha.

2. It-tieni motiv, ibbażat fuq ksur tal-prinċipju ta' amministrazzjoni tajba.

L-EASME kisret il-prinċipju ta' amministrazzjoni tajba sa fejn:

- ma tatx tweġiba fil-mertu għar-rapporti tekniċi u l-proposti tar-rikorrenti u lanqas tat-tweġiba għat-talbiet għall-modifika tal-kuntratt tar-rikorrenti;

- ma żguratx id-disponibbiltà ta' project officer ffaži kritika tal-proġett;
- kisret l-Artikolu 40 tar-Regolament (UE) Nru 1290/2013⁽¹⁾ fir-rigward tal-użu ta' esperti indipendenti li jagħmel riferiment għalihom l-Artikolu 40(2) u r-rekwiżiti inklużi fl-Artikolu 40(3) rigward il-kunflitt ta' interess tal-esperti indipendenti.

3. It-tielet motiv, ibbażat fuq żball manifest ta' evalwazzjoni.

L-EASME wettqet żball manifest ta' evalwazzjoni meta qieset, fil-lista ta' referenzi mibgħuta flimkien man-nota ta' debitu, li l-proġett ma kienx jissodisfa bħala princiċju l-għanijiet tekniċi u kummerċjali globali, bħala riżultat tal-fatti u tad-dokumenti li ma kinux ittieħdu inkunsiderazzjoni meta twettqet tali evalwazzjoni.

4. Ir-raba' motiv, ibbażat fuq nuqqas ta' osservanza tar-rekwiżiti ta' proporzjonalità.

L-EASME ma osservatx ir-rekwiżiti ta' proporzjonalità meta qieset li huma inelgħibbi spejjeż f'total ta' EUR 263 028,89 minn spejjeż ta' EUR 804 020,75 iddikjarati mir-rikorrenti.

5. Il-ħames motiv, ibbażat fuq nuqqas ta' osservanza tar-rekwiżit ta' amministrazzjoni finanzjarja tajba u, b'mod partikolari, tar-rekwiżit ta' ekonomija, effiċjenza u effikaċja.

L-EASME ma ħaditx inkunsiderazzjoni l-allegazzjonijiet tar-riktorrenti fir-rigward tal-evoluzzjoni tal-ħtiġjiet tas-suq u tal-ħtieġa konsegwenti li jiġi emendat il-proġett.

⁽¹⁾ Regolament (UE) Nru 1290/2013 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tal-11 ta' Diċembru 2013 li jistabbilixxi r-regoli għal parteċipazzjoni u disseminazzjoni f' "Orizzont 2020 – il-Programm Qafas għar-Riċerka u l-Innovazzjoni (2014-2020)" u li jħassar ir-Regolament (KE) Nru 1906/2006 (ĠU 2013, L 347, p. 81).

Rikors ippreżentat fit-30 ta' Ottubru 2020 – NV vs eu-LISA

(Kawża T-661/20)

(2021/C 19/64)

Lingwa tal-kawża: l-Ingliż

Partijiet

Rikorrent: NV (rappreżentanti: S. Rodrigues u A. Champetier, lawyers)

Konvenuta: L-Aġenzija Ewropea għat-Tmexxja Operazzjonali ta' Sistemi ta' IT fuq Skala Kbira fl-ispazju ta' Libertà, Sigurtà u ġustizzja (eu-LISA)

Talbiet

Ir-riktorrent jitlob li l-Qorti Ġenerali jogħġogħobha:

- tannulla d-deċiżjoni tat-3 ta' Frar 2020 sa fejn timponi twissija uffiċjali fuq ir-riktorrent;
- jekk ikun meħtieġ, tannulla d-deċiżjoni tat-3 ta' Awwissu 2020 li tiċħad l-ilment tar-riktorrent tad-9 ta' April 2020;
- tordna l-kumpens finanzjarju għad-dannu morali li jista' jiġi evalwat, *ex aequo et bono*, għall-ammont ta' EUR 5 000;
- tikkundanna lill-konvenuta għall-ispejjeż.